**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 27 ta' Novembru 2023**

**Rikors Numru 21/20**

**Janika Spiteri**

**Vs**

**Il-Kunsill dwar il-Professjoni ta' l-Għalliema f'Malta**

**Il-Ministru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka, u Innovazzjoni**

**Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni**

It-Tribunal:

Ra r-rikors ta' Janika Spiteri ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2023, li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

*Illi dan huwa appell taħt l-artiklu 32 tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*Illi l-fatti li wasslu għal din il-vertenza huma, fil-qosor, is-segwenti:*

*Illi r-rikorrenti ggradwat fil-Malti fi Grad ta' Baċellerat (UOM, 2008); fit-Traduzzjoni fi Grad ta' Masters (UOM, 2010); u kisbet ukoll Ċertifikat fit-Tagħlim f'livell Sekondarju tal-Ilsien Ingliż (CELT-S) mill-Università ta' Cambridge fl-2019 (kopji taċ-ċertifikati annessi u mmarkati bħala Dok A, B, u Ċ rispettivament);*
*Illi r-rikorrenti tenfasizza illi hija kienet bdiet u kisbet b'suċċess is-Certificate in English Language Teaching – Secondary maħruġ mill-Università ta' Cambridge*

*wara direzzjoni ċara li ingħatatilha mill-Education Officer tagħha dak iż-żmien, kemm formalment (email annessa u mmarkata bħala Dok D) kif ukoll verbalment, fejn kienet direttament ippressat lir-rikorrenti biex tibda dan il-kors jekk verament xtaqet tipproggressa professjonalment;*

*Illi r-rikorrenti ilha teżerċita l-professjoni ta' għalliema bħala full time supply teacher f'diversi skejjel f'livell sekondarju f'Malta għal dawn l-aħħar tlettax-il sena bl-ikbar dedikazzjoni lejn il-professjoni u l-istudenti tagħha, u dan permezz ta' warrant temporanju, liema warrant jiġi mġedded sena sena skont l-artiklu 25 tal-Att dwar l-Edukazzjoni;*

*Illi r-rikorrenti tikkwalifika għal warrant skont l-artiklu 24 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, stante illi tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-istess artiklu u ċioe:*

- *Hija ċittadina Maltija;*

- *Hija ta' kondotta tajba;*

- *Għandha l-kapaċità legali sħiħa;*

- *Kisbet Grad ta' Baċellerat, Grad ta' Masters, kif ukoll ċertifikat ta' kors pedagoġiku jew xi kwalifika professjonali oħra li l-Kunsill jidhirlu li tkun komparabbli;*

- *Ilha tippratika l-professjoni t'għalliema għal ferm iktar mis-sentejn rikjesti milliġi.*

*Illi għaldaqstant r-rikorrenti issottomettiet l-applikazzjoni tagħha sabiex tikseb tali warrant nhar it-tmienja ta' Diċembru 2022 (08/12/2022) skont l-artiklu 29 tal-Att dwar l-Edukazzjoni;*

*Illi b'dispjaċir u sorpriża, l-applikazzjoni tar-rikorrenti ġiet miċħuda, stante li l-imsemmi Kunsill, permezz ta' ittra datata l-għaxra ta' Jannar 2023 (10/01/2023) (annessa u mmarkata bħala Dok E), irrakomanda li r-rikorrenti ma tingħatax il-warrant permanenti, u minflok, jibqa' jiġġedded il-warrant temporanju tagħha, u dan peress illi skont ilKunsill intimat, il-kwalifiki tar-rikorrenti ma jissodisfawx ir-rekwiżiti skont il-liġi;*

*Illi l-esponenti ħassitha ferm aggravata mill-imsemmija rakkomandazzjoni li saret millKunsill u d-deċiżjoni ibbażata fuq l-istess rakkomandazzjoni, u bil-preżenti qegħdha tinterponi l-umli appell tagħha quddiem dan l-Onorabbli Tribunal;*

***Illi l-aggravji huma ċari u manifesti, u jikkonsistu fis-segwenti:***

1. ***Illi fl-ewwel lok, il-Kunsill intimat m'għamilx apprezzament tajjeb tal-fatti, u dan stante illi r-rikorrenti tissodisfa bis-sħiħ ir-rekwiżiti għal-warrant skont il-liġi u għalhekk ma teżisti l-ebda raġuni valida għar-rifjut tal-għoti ta' warrant permanenti.***

*Illi l-Kunsill intimat kellu dan xi jgħid dwar il-kwalifiki tar-rikorrenti:*

*"The Council noted that Ms Spiteri is in possession of a Master of Art in Translation (UOM 2010) and a Bachelor of Arts Hons in Maltese (UOM 2008). The Council does not consider Ms Spiteri's qualifications to be comparable to the B.Ed. (Hons.) or the PGCE awarded by the University of Malta in terms of Article 24 of the Education Act.*

*[...]*

*Even if Ms Spiteri were awarded a Permanent Warrant in terms of Article 41 on the strength of her Master of Arts in Translation she would not be granted regular status as her qualifications would not satisfy the Call.''*

*Bid-dovut rispett, il-konsiderazzjoni tal-Kunsill mhijiex in linea mal-ispirtu tal-liġi. Irrikorrenti tissottometti illi hija tikkwalifika bis-sħiħ sabiex tingħata l-warrant permanenti taħt l-artikolu 24, li fis-sub-paragrafu 2(d)(iii) tiegħu jgħid bl-iktar mod ċar li warrant jista' jinkiseb, fost oħrajn, jekk l-applikant ikollu:*

*"Grad ta' Dottorat, jew Grad ta' Baċċellerat u grad ta' Masters, flimkien ma' ċertifikat ta' kors pedagoġiku organizzat mid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi mwaqqaf bl-artikolu 10 jew minn xi istituzzjoni oħra rikonoxxuta mill-Kunsill;" (enfasi miżjuda)*

*Illi r-rikorrenti ma tistax tifhem kif il-Kunsill, fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, injora bliktar mod sfaċċat iċ-Ċertifikat pedagoġiku tar-rikorrenti, miksub minn Cambridge University, ġewwa r-Renju Unit, tant li lanqas biss issemma' fir-rakkomandazzjoni mogħtija.*

*Inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-liġi tkompli billi f'paragrafu (iv) tinkludi wkoll "xi kwalifika professjonali oħra li l-Kunsill jidhirlu li tkun komparabbli;".*

*Illi allura wieħed jifhem id-diskrezzjoni wiesa' tal-Kunsill li jeżamina kull applikazzjoni b'mod individwali f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwalifiki.*

*Illi huwa għalhekk li r-rikorrenti ssibha diffiċli mmens li tifhem kif Ċertifikat pedagoġiku mogħti minn università prestiġjuża bħal ma hi l-Università ta' Cambridge, m'għandux jiġi kkunsidrat bħala talanqas komparabbli.*

*Illi dan ikompli jiġi kkonfermat mill-fatt illi l-istat diġà kkollabora mal-istess Università, senjatament fuq it-tagħlim tal-ilsien Ingliż (stqarrija annessa u mmarkata bħala Dok F).*

*Illi għar-raġunijiet surreferiti r-rikorrenti ssostni li l-kwalifiki kollha tagħha kellhom jiġu kkunsidrati mill-Kunsill, u li kuntrarjament għal dak ritenut mill-istess Kunsill, ilkwalifiċi professjonali tagħha jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-artiklu 24 tal-Att dwar lEdukazzjoni, u huma kwalifiċi professjonali u komparabbli.*

*Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti illum ilha teżerċita lprofessjoni ta' għalliema f'livell sekondarju għal iktar minn tlettax-il sena, element li*

*juri d-dedikazzjoni u l-esperjenza tagħha. Kif qal dan it-Tribunal stess fis-sentenza tiegħu datata l-11 ta' Frar 2019, Rikors Numru 68/16CG fl-ismijiet Natasha La Rosa vs ilKunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta et:*

> *"It-Tribunal ma jistgħax lanqas jinjora l-fatt li r-rikorrenti ilha snin taħdem bħala għalliema b'warrant temporanju. Dan għandu wkoll jimmilita favur tagħha meta l-Kunsill jerġa' jikkonsidra l-applikazzjoni tar-rikorrenti."*

2. ***Illi fit-tieni lok, u dan mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-deċiżjoni mogħtija mill-Kunsill intimat hija vizzjata u arbitrarja stante li mhix motivata, bi ksur lampanti tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u mingħajr smiegħ xieraq:***

*Illi kif ingħad mill-istess Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fis-sentenza tiegħu datata 6 ta' Novembru 2018, Rikors Numru 42/2018 Annabel Falzon v l-Awtorita' talArtijiet:*

> *"Iċ-ċittadin m'għandux għalfejn joqgħod jassumi x'kien hemm wara r-raġunar tal-Awtorità. Mid-deċiżjoni komunikata lilu għandu mill-ewwel jifhem ir-raġuni wara r-rifjut ħalli dan ipoġġih f'posizzjoni li jkun jista' jappella fuq punti speċifiċi u mhux jispara fid-dlam. Filwaqt li t-Tribunal jirrikonoxxi li l-Bord talGvernaturi mhux xi qorti jew tribunal, xorta waħda irid isegwi prinċipji ta' mġieba amministrattiva tajba, fosthom li jagħti raġunijiet ċari u suffiċjenti li jissodisfaw lil min ikun qiegħed jirċievi d-deċiżjoni biex ikun jista' jifhem ir-ratio deċidendi tal-istess Awtorità."*

*Illi l-istess ingħad fis- sentenza datata 13 ta' Frar 2020, Rikors Numru Rikors Numru 75/2019 Kenneth Tabone vs Awtorità tal-Artijiet:*

> *"Illi dan it-Tribunal jirrileva illi l-Bord tal-Gvernaturi ta' l-Awtorità intimata ma huwiex "tribunal amministrattiv" u għalhekk artikolu 2 tal-Kapitolu 490 ma japplikax għalih. Madankollu, kif ingħad diversi drabi, deċiżjonijiet ammistrattivi għandhom ikunu motivati ħalli min iħossu aggravat bid-deċiżjoni jifhem sew għala l-awtorita` pubblika tkun waslet għad-deċiżjoni tagħha.''*

*Illi l-istess Tribunal fid-deċiżjoni datata 23 ta' Settembru 2020, Rikors Numru 19/2021 Darrel Micallef vs Awtorità tad- Djar qal b'mod skjett illi:*

> *"Tribunal Amministrattiv għandu jagħti, b'mod biżżejjed ċar, il-motivi li fuqhom tkun mibnija deċiżjoni."*

*Illi d-deċiżjoni datata 10 ta' Jannar 2023 notifikata lir-rikorrenti żgur li ma tispjegax b'mod ċar ir-raġuni li abbażi tagħha ġiet rifjutata stante illi l-Kunsill mhux biss ma mmotivax sew il-konsiderazzjonijiet tiegħu, iżda talli arbitrarjament injora wkoll iċċertifikat miksub mir-rikorrenti mingħajr ma spjega il-raġuni għaliex dan lanqas biss ġie meqjus, u allura żgur li ma setax jagħti deċiżjoni kompluta.*

*Illi, fir-rigward tas-smiegħ xieraq, qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni fl-ittra datata 10 ta' Jannar 2023, il-Kunsill naqas milli jagħti ċans lill-esponenti tirribatti dak li kien qed*

*jallega l-Kunsill, u ċioe li l-kwalifiċi tal-esponenti mhumiex komparabbli mal-B.ed (Hons,) jew il-PGCE. Kieku l-Kunsill kellu d-diċenza li mqar jisma' lill-esponenti jew itiha ċans tipprovdi aktar dokumenti kien jara kif il-materjal u l-moduli li segwiet fil-kors Certificate in English Language Teaching – Secondary huma komparabbli għal dan. Minflok il-Kunsill lanqas biss ħa in konsiderazzjoni ta' dan il-kors.*

*Kif anke ġie nnutat mill-istess Tribunal fid-deċiżjoni datata 23 ta' Settembru 2020, Rikors Numru 19/2021 Darrel Micallef vs Awtorità tad- Djar,*

> *"Bi smiegħ it-Tribunal ma jfissirx neċessarjament smiegħ orali, iżda jkun suffiċjenti li l-persuna li se tiġi affettwata tingħata opportunita` tirribatti dak li tkun qiegħda tallega awtorita` pubblika."*

*L-istess fil-kawża Catering Centre vs Ronald Azzopardi (15 ta' Jannar 2010), il-Qorti affermat bl-iktar mod ċar illi "kull parti għandha tingħata l-opportunità sħiħa li tippreżenta u tiddefendi bil-massimu tal-għodod proċedurali l-każ tagħha. In kwantu aġir xort' oħra jikkostitwixxi vjolazzjoni tar-regola."*

*Filfatt fil-każ Power Projects Ltd v Stephen Agius et, il-Prim Awla, bħala Qorti Kostituzzjonali, fid-deċiżjoni tagħha tas-16 ta' Ġunju 2003, bl-aktar mod ċar tgħid illi "Ikun hemm ksur tal-prinċipju ta' audi alteram partem jekk il-parti ma tkunx ingħata lopportunita` tressaq il-provi tagħha".*

*Għalhekk il-fatt li l-Kunsill la talab provi tal-esponenti biex tirribatti dak li kien qed jgħid l-istess Kunsilll u wisq anqas provi dwar kif is- Certificate in English Language Teaching – Secondary jista' xorta waħda jissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa kompla jikser il- prinċipji ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.*

3. ***Illi tali deċiżjoni amministrattiva hija żbaljata u in vjolazzjoni tad-drittijiet tal-esponenti li kienet qiegħda leġitimament tistenna u ċioe' kien hemm "legitimate expectation" li se tingħata warrant permanenti ġaladarba tagħmel il-kors tas-Certificate in English Language Teaching – Secondary:***

*Illi filfatt l-esponenti kienet verbalment ippresssata u ingħatat direzzjoni ċara millEducation Officer tagħha sabiex tagħmel il-kors bl-isem Certificate in English Language Teaching – Secondary maħruġ mill-Università ta' Cambridge, bl-intendiment ċar illi dan eventwalment iwassalha biex tottjeni l-warrant permanenti.*

*Dan wassal biex l-esponenti kellha legitimate expectation li fil-mument li se tlesti dan ilkors u tapplika għall-warrant permanent, it-talba tagħha se tintlaqa', tenut kont li hija wkoll tissodisfa r-rekwiżiti kollha.*

***Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jogħġbu:***

1. *Jirrevoka, jħassar u jannulla r-rakkomandazzjoni u d-deċiżjoni li ttieħdet kif ikkomunikata fl-ittra datata għaxra ta' Jannar 2022 kontra l-rikorrenti Janika Spiteri, li permezz tagħha ġiet rifjutata l-applikazzjoni tal-istess;*

2. *Jiddikjara li l-rikorrenti hija filfatt eliġibbli għal warrant skont l-artiklu 24 tal-Att dwar l-Edukazzjoni;*

3. *Jordna lill-appellati jew minn minnhom sabiex fid-dawl tat-tieni talba, jipproċessaw tali applikazzjoni u jagħtu tali warrant permanenti ta' għalliema;*

4. *Jimponi kwalunkwe ordni jew provvediment ieħor li t-Tribunal jista' jqis xieraq u opportun.*

Ra r-risposta tal-intimati ppreżentata fis-16 ta' Frar 2023 li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:

1. *Illi in linea preliminari, il-Ministru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni ma jistax jirrispondi ghat-talbiet kontenuti fil-kawża odjerna, u dan stante li huwa ma huwiex mogħni b'personalita` ġuridika, u għaldaqstant il-kawża kellha tiġi impostata hekk kif irid l-****artikolu 17(8) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap 595 tal-Liġijiet ta' Malta)****. Jiġi b'hekk li l- Ministru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni għandu jiġu meħlus mill-ħarsien tal-ġudizzju;*

2. *Illi l-każ odjern jirrivolvi madwar applikazzjoni għal warrant permanenti ntavolata mir-rikorrenti fit-8 ta' Diċembru 2022. Fl-10 ta' Jannar 2023 il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta rrakomanda li r-rikorrenti ma tingħatax il-warrant permanenti għaliex hija ma tissodisfax ir-rekwiżiti 'mposti skont l-****artikolu 24 tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta****. Fl-istess ittra, l-Kunsill intimat issottometta li l-warrant temporanju tagħha jista' jibqa' jiġi mġedded;*

3. *Illi, mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal fis-suespost, fil-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk l-esponenti qegħdin jirrespinġu t-talbiet tar-rikorrenti kif ser jiġi muri f'din ir-risposta u fil-mori tal-kawża;*

4. *Illi r-rikors tal-appell effettivament jikkonsisti f'tliet aggravji, fejn ir-rikorrenti qiegħda tilmenta: a) mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill u targumenta li l-Kunsill għamel apprezzament żbaljat tal-fatti għaliex ir-rikorrenti tissodisfa r-rekwiżiti għal warrant ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta; b) li d-deċiżjoni mogħtija mill-Kunsill intimat hija vizzjata u arbitrarja u tmur kontra l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u tikser id-dritt ta' smiegħ xieraq; u ċ) li d-deċiżjoni tal-Kunsill intimat ingħatat bi vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti. Huwa għalhekk li r-rikorrenti qed titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jordna li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tiġi mħassra, revokata u annullata u tiddikjara li r-rikorrenti hija eliġibbli għal warrant skont* ***l-artikolu 24 tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta****;*

***L-Ewwel Aggravju: l-Kunsill għamel apprezzament żbaljat tal-fatti għaliex ir-rikorrenti tissodisfa r-rekwiżiti għal warrant***

5. *Illi l-Kunsill ċertament idderiġa ruħu b'mod korrett meta ta r-rakkomandazzjoni mertu ta' dan l-appell u għaldaqstant tali rakkomandazzjoni għandha tiġi kkonfermata minn dan l-Onorabbli Tribunal;*

6. *Illi l-Kunsill intimat evalwa l-applikazzjoni u d-dokumenti kollha sottomessi mir-rikorrenti 'żda hi naqset milli tissodisfa r-rekwiżiti kollha ai termini tal-* ***artikolu 24 tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta*** *u għalhekk il-Kunsill intimat kien obbligat li jirrakkomanda li ma tistax tinħareġ warrent permanenti;*

7. *Illi l-Kunsill intimat xtarr il-kontenut taċ-ċertifikat fit-Tagħlim fil-livell Sekondarju tal-Ilsien Ingliż mill-Universita' ta' Cambridge u ġie konkluż li dan m'huwiex komparabbli ma' B.Ed. (Hons) jew PGCE ai termini tal-artikolu 24(2)(d)(iii) u (iv) tal-Kapitolu tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minħabba differenzi sostanzjali bejn it-tipi ta' korsijiet (ara f'dan is-sens* ***Natasha La Rosa vs Il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta et*** *deċiża minn dan l-Onorabbli Tribunal fil-11 ta' Frar 2019);*

8. *Għaldaqstant, in vista tas-suespost u kif ħa jintwera fil-mori tal-kawża, dan l-aggravju ma jimmeritax li jiġi milqugħ;*

***It-Tieni Aggravju: Id-deċiżjoni mogħtija mill-Kunsill intimat hija vizzjata u arbitrarja u tmur kontra l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u tikser id-dritt ta' smiegħ xieraq;***

9. *Illi m'huwiex minnhu dak li qiegħda tgħid ir-rikorrenti li kien hemm ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u tas-smiegħ xieraq għaliex ir-rikorrenti applikat għal warrant permanenti skont l-artikolu 24 tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-onus probabandi kien fuq ir-rikorrenti li tipprovdi d-dokumenti neċessarji u li tissodisfa r-rekwiżiti mposti. L-obbligu tal-Kunsill kien li jevalwa d-dokumenti u jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu, u dan effettivament sar. Barra minn hekk, fir-rakkomandazzjoni tiegħu, il-Kunsill intimat ta spjegazzjoni għaliex ir-rikorrenti ma ssodisfatx ir-rekwiżiti 'mposti;*

10. *Illi magħdud ma' dan u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi kwistjonijet ta' natura kostituzzjonali bħal dik ta' smigħ xieraq ma jistgħux jinġiebu quddiem dan l-Onorabbli Tribunal stante li ma għandux il-vesti neċessarji sabiex jindirizzhom, jevalwahom u jiddeċiedihom. Dan ġie kkonfermat riċentament mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-Sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Cachia vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali***[1] *fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell (fis-sede Inferjuri) ddeċidiet li kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali ma jaqgħux fil-kompetenza tagħha u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tagħhom. Illi* ***jekk*** *qed ssir kwalsiasi ilment li jitratta ksur ta dritt fundamentali tal-bniedem huwa sintomatiku illi dan l-Onorabbli Tribunal, li wara kollox huwa Tribunal ta' Revizoni u mhux Tribunal munit b'poteri Kostituzzjonali, bir-rispett dovut m'għandux jgħaddi sabiex jagħmel dikjarazzjoni illi hemm xi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. L-appell odjern m'huwiex azzjoni intavolata ai termini tal-artikolu*

[1] Appell inferjuri numru 1/2020LM deċiż fit-3 ta' Frar 2021

*46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Huwa dan l-artikolu* BISS *illi jippermetti illi ssir dikjarazzjoni li kien hemm vjolazzjoni ta' dritt fundamentali tal-bniedem. Dan kollu ġie deċiż diġa mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet* ***Aleksandra Nikolic vs The Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs et*** *deċiża fil-21 ta'April 2021 :*

> *"Il-Qorti tikkonsidra li l-ewwel żewġ aggravji li qiegħda tressaq lappellanta jirrigwardaw kwistjoni ta' natura kostituzzjonali, u ssottomissjonijiet kollha fir-rikors tal-appell tagħha jittrattaw biss l-ewwel aggravju, filwaqt li fit-tielet aggravju hija qiegħda tappella minn kwistjonijiet li jolqtu l-mertu. Din il-Qorti tirrileva li hija m'għandha l-ebda kompetenza li tisma' u li tiddeċiedi kwistjonijiet ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali talbniedem kif sanċiti fil-Kostituzzjoni u/jew fil-Konvenzjoni, liema kompetenza skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) hija mogħtija lill-Prim'Awla Qorti Ċivili, u għalhekk hija ma tistax tikkonsidra l-ewwel żewġ aggravji tal-appellanta. Il-Qorti tqis li dan jgħodd ukoll għall-appell kollu peress li s-sottomissjonijiet li l-appellanta tressaq huma limitati għall-allegat ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq kif sanċit fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni";*

11. *Illi jsegwi għalhekk li dan l-aggravju m'huwiex mistħoqq u għandu jiġu miċħud;*

***It-Tielet Aggravju: Id-deċiżjoni tal-Kunsill intimat ingħata bi vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti***

12. *Permezz ta' dan l-aggravju, r-rikorrenti qiegħda tilmenta li kellha direzzjoni ċara mill-Education Officer tagħha sabiex tagħmel il-kors bl-isem Certificate in English Language Teaching u għalhekk ġew vjolati d-drittijiet tagħha;*

13. *A skans ta' ripettizzjoni, l-esponent qiegħed jagħmel referenza għall-każistika mfissra fir-risposta għat-tieni aggravju fejn ġie aċċenat li dan l-Onorabbli Tribunal m'huwiex vestit b'ġurisdizzjoni li jistħarreġ ilmenti kostituzzjonali;*

14. *Barra minn hekk, bl-applikazzjoni tal-massimi latini lex vigilantibus spectat u ignorantia legis neminem excusat, l-liġi tħares lejn l-interessi ta' dawk li joqogħdu attenti mal-liġi u injoranza tal-liġi ma tiskuża lil ħadd. Il-Liġi hija ċara, u sabiex wieħed jingħata warrant permanenti, irid jissodisfa r-rekwiżiti skont l-artikolu 24 tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk ir-rikorrenti ma tistgħax tippretendi li fin-nuqqas ta' dan tingħata xi tip ta' trattament favorevoli għaliex hi kienet tal-ideja li hekk tagħmel sempliċi kors, hija intitolata għal warrant permanenti;*

15. *Illi dan jingħad oltre l-fatt illi mhux minnu li ġiet assigurata jew imwiegħda li jekk tagħmel dan il-kors il-warrant permanenti jkun assigurat, kif ittenni l-appellanta;*

16. *Għalhekk, dan l-aggravju huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu wkoll jiġi miċħud;*

17. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u unikament fl-eventwalità li dan l-Onorabbli Tribunal iqis li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandha tiġi mħassra, fir-rigward tat-tieni talba, il-konsegwenza adegwata f'dawn it-tip ta' proċeduri għandha tkun li l-Kunsill jirrevedi d-deċiżjoni li għandha tittieħed fil-konfront tar-rikorrenti u mhux ir-rimedji proposti mir-rikorrenti fit-talba tagħha. Dan peress li huwa paċifiku li fid-dritt amministrattiv, dan l-Onorabbli Tribunal m'għandux jissostitwixxi d-diskrezzjoni tiegħu għal dik tal-organu amministrattiv, peress li b'hekk ikun qiegħed jużurpa l-funzjonijiet ta' dak l-organu amministrattiv;*

18. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 15(6)(e) tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti jitolbu li l-appell tal-appellanta jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tagħha.*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza finali.

**Ikkunsidra:**

Ir-rikorrenti ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Kunsill intimat notifikata lilha permezz ta' ittra datata 10 ta' Jannar 2023 li permezz tagħha l-istess Kunsill ta parir lill-Ministru intimat li r-rikorrenti m'għandhiex tingħata *warrant* permanenti ta' għalliema u dana għaliex ma kinitx eliġibbli għal tali *warrant* taħt ebda disposizzjoni tal-Att Dwar l-Edukazzjoni. Madanakollu l-istess Kunsill irrakomanda illi l-*warrant* temporanju tar-rikorrent jiġi mġedded għal dik is-sena skolastika u fis-snin ta' wara sakemm hija tibqa' tipprattika bħala għalliema fl-edukazzjoni obbligatorja.

**Ir-rikorrenti** ppreżentat affidavit li permezz tiegħu stqarret illi hija kisbet Baċellerat fil-Malti mill-Universita` ta' Malta fl-2008 u sentejn wara kisbet *Masters* fit-Traduzzjoni u minn dakinhar ilha tgħallem bħala *supply teacher* is-suġġett tal-Ingliż f'livell sekondarju. Hija spjegat li dejjem attendiet għal *in service courses* u korsijiet oħra li jiffukaw fuq l-element pedagoġiku tat-tagħlim. Xehdet illi fl-2017, l-*Education Officer* tal-Ingliż kienet bagħtet informazzjoni dwar kors pedagoġiku ġdid, magħruf bħala *Certificate in English Language Teaching – Secondary* (CELT-S) u li ġie rakkomandat li tagħmel. Għalhekk hija applikat għalih kemm għaliex interessat ruħha kif ukoll għaliex kien ċar illi tali kors seta'

jifforma parti mill-applikazzjoni tagħha għal *warrant* permanenti. Dan il-kors kien jikkonsisti kemm f'lezzjonijiet u kif ukoll prattika. Hija żiedet tgħid li l-moduli ta' pedagoġija tas-CELT-S huma prattikament identiċi għal dawk li jiġu mgħallma fil-PGCE, u għalhekk komparabbli. Hija spjegat li s-CELT-S kien ko-ordinat mill-Gvern Malti u l-prattika għamlitha fil-ħin tal-iskola. Għalhekk stqarret li ma tistax tifhem kif il-Kunsill intimat ma kkunsidrax is-CELT-S bħala kwalifika komparabbli mal-PGCE.

**Dr. Mateja Farrugia,** *Chairperson* tal-Kunsill intimat, spjegat li r-rikorrenti daħlet bħala għalliema b'*warrant* temporanju biex tgħallem l-Ingliż, pero` la kellha kwalifika fis-suġġett u lanqas fil-pedagoġija tas-suġġett. Għalhekk id-Dipartiment tal-Ingliż informa lir-rikorrent li sabiex iżżomm postha bħala għalliema *supply* tal-Ingliż kellha tagħmel kors qasir fl-Ingliż li fih hemm elementi ta' pedagoġija li pero` la huwa komparabbli mal-kwalifika tal-Bachelor of Education (B.Ed.) u lanqas mal-*Post Graduate Certificate in Education* (PGCE). Spjegat li għalkemm il-Kunsill intimat ikkunsidra dan il-kors qasir li għamlet ir-rikorrenti, pero` ma qisux bħala kwalifika li permezz tagħha r-rikorrenti setgħet tikseb *warrant* permanenti. Stqarret illi s-CELT-S huwa kors bażiku u mhuwiex *level rated* fuq il-*Malta Qualifications Framework.*

**Dr. Michelle Tonna**, Deputat Dekan fil-Fakulta` tal-Edukazzjoni tal-Universita` ta' Malta, xehdet illi sal-2016 il-Fakulta` tal-Edukazzjoni kienet toffri żewġ korsijiet biex tħarreġ lill-għalliema. Dawn kienu l-B.Ed. Honours u l-PGCE. Spjegat li filwaqt li l-kors tal-B.Ed. Honours kien iħarreġ lil studenti biex isiru għalliema tal-Primarja jew tas-Sekondarja, l-PGCE kien jinvolvi taħriġ għal studenti li kellhom diġa *first degree* f'suġġett partikolari sabiex jitħarrġu bħala għalliema tas-Sekondarja f'dak is-suġġett. Spjegat li l-PGCE ma baqax jiġi offrut wara l-2016 u daħal minfloku l-*Masters in Teaching and Learining* (MTL) fejn l-istudent xorta jrid ikollu *first degree* u wara jagħmel sentejn *full time* jew tliet snin *part time* biex b'hekk jikkwalifika b'*Masters*.

**Charmaine Pisani Grixti,** Kap tal-Iskola Medja ta' Ħal-Kirkop, xehdet illi hija kienet ilha taf lir-rikorrenti xi erba' snin fil-ħidma tagħha ta' *supply* teacher. Spjegat li r-rikorrenti ikollha l-istess numru ta' lezzjonijiet bħal għalliema regolari u wkoll tagħmel korsijiet regolarment ta' kull sena bħal ma jagħmlu l-għalliema l-oħra. Hija stqarret li ma kellhiex xi tgerger minnha bħala għalliema.

**Pamela Zerafa**, Uffiċjal Edukattiv tal-Inġliż, xehdet illi biex persuna tikseb *warrant* permanenti ta' għalliema jrid ikollha kors fil-pedagoġija bħal ma huwa l-kors ta' B.Ed., il-PGCE u l-MTL. Spjegat li peress li r-rikorrenti kienet *supply teacher* maż-żmien kien ġie suġġerit lilha biex ikollha aktar pedagoġija fit-tagħlim tal-Ingliż. Wieħed minn dawn il-korsijiet offrut mid-Dipartiment tal-Ingliż huwa fil-fatt il-kors tas-CELT-S, liema kors huwa ndirizzat l-iktar għal nies li diġa qegħdin jgħallmu u li idealment diġa' jkollhom kors tal-pedagoġija minn xi Universita` ħalli jibnu fuqu. Pero` peress li f'Malta ma kienx hawn korsijiet simili, sar ftehim mal-Cambridge English biex l-istess taħriġ jiġi offrut lil għalliema Maltin. Spjegat li qabel il-bidu tal-kors CELT-S kienu għamluha ċara li dan il-kors ma hux ekwivalenti għal Livell 6 jew Livell 4 bħal ma hu l-kors CELT-A offrut ukoll minn Cambridge, u allura ma jissostitwixxi ebda kors ieħor. Ix-xhud spjegat li Cambridge ma ridux jippeggjaw dan il-kors ma' *level rating* u li l-istess kors fih mija u għoxrin (120) siegħa mentri kors tal-pedagoġija mill-Universita` ta' Malta jew mill-*Institute for Education* fih elf u ħames mitt siegħa (1500). Hija kompliet tgħid li r-rikorrenti kienet konxja li l-kors CELT-S ma kienx kwalifika komparabbli mal-PGCE u dana għaliex hija kienet speċifikatament staqsiet lil kollega tagħha, ċertu Marica Vella, dwar dan. Di fatti r-rikorrenti staqsiet hekk: *"Does the Cambridge course replace the pedagogy course for supply teachers?"* u Vella weġbitha *"No"*. Mistoqsija mid-difensur tar-rikorrenti jekk ir-rikorrenti kinitx imħeġġa biex tagħmel dan il-kors biex tiprogressa fil-karriera tagħha, hija wieġbet li le, pero` kienet imħeġġa tagħmel dan il-kors biex tiżviluppa l-ħiliet tagħha bħala għalliema tal-Ingliż. Dana għaliex hi u l-kollega tagħha, Marica Vella, kienu nnutaw ċertu nuqqasijiet fil-kors tat-tagħlim tal-istudenti, liema nuqqasijiet kienu nġabu a konjizzjoni tal-istess rikorrenti.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jibda biex jitratta l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati, u ċioe`, illi l-Ministru intimat ma jistax jirrispondi għat-talbiet tar-rikorrenti u dan stante li ma huwiex mogħni b'personalita` ġuridika.

It-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 17 (8) tal-Kapitolu 595 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika), liema artikolu jissenjala li huwa s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru partikolari li għandu jkollu r-rappreżentanza ġuridika tal-istess Ministeru. Illi għaldaqstant l-intimati għandhom raġun fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom u għaldaqstant il-Ministru intimat se jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Illi sorvolata din il-kwistjoni preliminari, it-Tribunal se jinvesti l-mertu tal-kwistjoni.

Illi ai termini tal-artikolu 23 tal-Att dwar l-Edukazzjoni (iktar 'il quddiem "l-Att") ***"għalliem" tfisser persuna mħarrġa fl-għerf tal-proċess edukattiv u fl-użu tal-ħiliet pedagoġiċi b'mod li jkollha l-ħila toħloq ambjent li jimmotiva lil kull student u tirnexxilha tgħallmu b'mod effettiv billi tqanqallu l-aspirazzjonijiet tiegħu għall-ogħla valuri fil-ħajja u tgħinu jiżviluppa l-ħiliet kreattivi u ta' ħsieb skont l-età, l-iżvilupp fiżiku, morali, soċjali, emozzjonali u intelletwali, u skont il-potenzjal tal-ħiliet u tat-talenti tiegħu bl-iskop aħħari li l-istudent jitħarreġ kif jitgħallem tul ħajtu:***

***Iżda, għall-finijiet ta' din it-Taqsima, u sakemm mhux provdut xort'oħra f'xi liġi oħra, "għalliem" ma tinkludix Kindergarten jew Learning Support Assistant, għalliem fi skola għat-tagħlim ta' lingwa bħala lingwa barranijia, jew persuna li tagħti servizz ta' tagħlim f'oqsma kulturali, sportivi, u reliġjużi, sakemm dan it-tagħlim ma jkunx qed jingħata bħala parti integrali mill-edukazzjoni obbligatorja skont il-kurrikulu fi skola liċenzjata:***

***Iżda wkoll għalliem li kiseb Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni fi Trobbija Bikrija u Kura li jkun qed jgħallem fil-livell ta' kindergarten għandu jkun ikkunsidrat bħala għalliem għall-finijiet kollha tal-liġi.***

Illi biex persuna tikseb *warrant* permanenti ta' għalliema hija għandha tissottometti applikazzjoni għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill intimat. Fil-fatt jirriżulta illi r-rikorrenti ssottomettiet applikazzjoni għal *warrant* permanenti fit-8 ta' Diċembru 2022.

Illi ai termini tal-artikolu 24 tal-Att, ***"persuna tikkwalifika għal warrant taħt dan l-Att kemm-il darba –***

***(a) hija ċittadin ta' Malta, jew xort'oħra jkollha permess biex taħdem f'Malta taħt xi liġi; u***
***(b) hija ta' kondotta tajba; u***
***(ċ) jkollha kapaċità legali sħiħa; u***
***(d) tkun kisbet –***
***(i) Grad ta' Baċċellerat fl-Edukazzjoni; jew***
***(ii) Grad ta' Baċċellerat flimkien ma' Ċertifikat Post-Gradwat fl-Edukazzjoni; jew***
***(iii) Grad ta' Dottorat, jew Grad ta' Baċċellerat u grad ta' Masters, flimkien ma' ċertifikat ta' kors pedagoġiku organizzat mid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi mwaqqaf bl-artikolu 10 jew minn xi istituzzjoni oħra rikonoxxuta mill-Kunsill; jew***
***(iv) xi kwalifika professjonali oħra li l-Kunsill jidhirlu li tkun komparabbli; u***
***(e) tissodisfa lill-Kunsill li jkollha esperjenza adegwata fil-prattika tal-professjoni ta' għalliem taħt sorveljanza fi skola jew provditur ta' edukazzjoni avvanzata kif definita fl-artikolu 63, liema skola jew provditur jkunu***

***rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti li tkun inkarigata bil-liċenzjar ta' dik l-iskola jew providitur skont dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu, jew b'xi mod ieħor kif jista' jiddeċiedi l-Kunsill, għal żmien aggregat ta' mill-anqas sentejn skolastiċi fuq bażi full-time jew l-ekwivalenti ta' dak iż-żmien fuq bażi part-time wara li tkun temmet dak il-grad jew kwalifika professjonali oħra msemmija fil-paragrafu preċedenti, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-prattika ta'għalliem tali biex jikseb l-esperjenza msemmija għandha tkun meqjusa prattika skont dan l-Att:***

***Iżda dawk li kisbu Grad ta' Baċċellerat fl-Edukazzjoni fi Trobbija Bikrija u Kura li jipprattikaw fil-livell ta' kindergarten u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafi (a), (b), (ċ) u (e) għandhom ikunu eliġibbli għall-għoti ta' warrant.***

***(3) Iċ-ċertifikat Post-Gradwat fl-Edukazzjoni, Grad ta' Baċċellerat, Masters u Dottorat msemmija fil-paragrafu (d)(i), (ii)u (iii) fis-subartikolu preċedenti għandhom ikunu ċertifikat Post-Gradwat fl-Edukazzjoni, Grad ta' Baċċelerat, Masters u Dottorat mill-Università ta' Malta.***

***(4) Il-Ministru jista' jippreskrivi, minflok xi waħda mill-ħtiġiet stabbiliti taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, ħtiġiet oħra skont xi trattat jew ftehim internazzjonali jew multinazzjonali li Malta tkun parti fih jew skont id-disposizzjonijiet ta' xi leġislazzjoni li tinġieb fis-seħħ bis-saħħa ta' xi trattat jew ftehim bħal dawk***

***(5) Mingħajr preġudizzju għal xi disposizzjoni magħmula bl-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki, jew taħtu, meta t-tul tal-kors li jkun iwassal għall-kwalifika professjonali li jkollu l-applikant ikun anqas mit-tul tal-kors li jwassal għal Grad mogħti mill-Università ta' Malta, jew meta l-esperjenza msemmija fis-subartikolu (2)(e) tkun ta' anqas minn sentejn, il-Kunsill jista' jeħtieġ lill-applikant li jagħmel dak il-perjodu ta' adattament li ma jkunx itwal mid-doppju tad-differenza, skont ma jista' jiġi speċifikat mill-Kunsill. Il-Kunsill jista' wkoll jgħaddi lill-applikant minn test ta' ħila."***

Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrenti huwa illi l-Kunsill intimat m'għamilx apprezzament tajjeb tal-fatti.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi r-rikorrenti għandha s-segwenti kwalifiki, u ċioe`:

1. Grad ta' Baċellerat fil-Malti;[2]
2. Grad ta' Masters fit-Traduzzjoni;[3]
3. Ċertifikat fit-Tagħlim f'livell Sekondarju tal-Ilsien Ingliż (CELT-S).[4]

[2] Dokument A a fol. 9
[3] Dokument B a fol. 14

Illi għalhekk, stante li r-rikorrenti ma għandhiex Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni, il-Kunsill kellu jeżamina jekk il-kwalifiki li kellha kinux biżżejjed biex hija tingħata *warrant* permanenti. It-Tribunal iqis li d-disposizzjoni li tista' tkun applikabbli għall-każ tar-rikorrenti huwa l-artikolu 24 (d) (iii) stante li hija għandha grad ta' Baċċellerat u grad ta' Masters u wkoll kors pedagoġiku organizzat u offrut mill-Universita` ta' Cambridge u sponsorjat mill-Ministeru tal-Edukazzjoni. Illi d-diverġenza qamet jekk dan l-aħħar imsemmi kors, u ċioe` dak magħruf bħala s-CELT-S jistax jiġi kkunsidrat bħala komparabbli mal-PGCE skont l-artikolu 24 (e) tal-Att.

Illi skont il-Kunsill, is-CELT-S ma huwiex komparabbli, filwaqt li r-rikorrenti tisħaq bil-kontra. Il-Kunsill intimat isostni li filwaqt li biex wieħed jikseb il-PGCE hemm bżonn jinvesti ċirka elf u ħames mitt (1500) siegħa ta' tagħlim fil-pedagoġija, is-CELT-S kien jirrikjedi mija u għoxrin (120) siegħa ta' tagħlim, apparti li wieħed ma setax jikkategorizzah ai fini ta' *MQF Level* peress li l-Universita` ta' Cambridge ma kinitx disposta li tagħti xi *level rating* lill-istess kors stante li hija Universita` rinomata.[5]

Illi minkejja li l-Universita` ta' Cambridge ma tat ebda *level rating* lis-CELT-S ma jfissirx illi dan il-kors m'għandu ebda valur akkademiku. Jekk wieħed iħares lejn il-kontenut tal-kors wieħed isib li jkopri tmien *modules* u ċioe`:

| | |
|---|---|
| *1 Classroom management in the secondary classroom* | • *Creating and maintaining a constructive learning environment*<br>• *Managing classroom activities effectively*<br>• *Managing differences in the classroom.* |
| *2 Language learning and the teenage learner* | • *Learning language in the secondary education sector*<br>• *Learning needs, styles, motivations and preferences*<br>• *Encouraging and supporting active and independent learning* |
| *3 Teaching language skills* | • *Teaching listening and reading* |

[4] Dokument C a fol. 19
[5] Ara xhieda ta' Pamela Bezzina a fol. 242

| | |
|---|---|
| | • *Teaching speaking*<br>• *Teaching writing* |
| *4 Language awareness for teaching* | • *Grammar: word classes, grammar structures and how to use language for different functions*<br>• *Vocabulary: key concepts, word formation and combining words*<br>• *Pronunciation: key concepts, word and sentence stress, connected speech and intonation.* |
| *5 Teaching language in the secondary classroom* | • *Key concepts, principles and techniques in teaching grammar, lexis and phonology.* |
| *6 Planning language learning in the secondary context* | • *Planning a lesson*<br>• *Writing lesson plans*<br>• *Planning a programme of work.* |
| *7 Language learning resources and materials for the secondary classroom* | • *Evaluating, selecting, using and adapting coursebook materials.*<br>• *Evaluating, selecting and using supplementary materials.*<br>• *Using teaching aids effectively, including technology.* |
| *8 Assessing language learning in the secondary context* | • *Principles and purposes of classroom-based assessment.*<br>• *Classroom-bases assessment tools*<br>• *Formative and summative assessment.* |

*Each module has a number of lessons, which all have the following structure:*

- *An introduction to the topic*
- *Learning activities*
- *Activities that check learning*
- *Activities that focus on practical classroom applications*
- *A review of what's been learned*
- *A short, multiple-choice progress test*
- *Further reading.*[6]

Min-naħa l-oħra, jekk wieħed jara l-programm ta' studju tal-PGCE isib li huwa mibni fuq is-segwenti, u ċioe`:

***TEACHING PRACTICE***

***Semester 1***

[6] Fol. 230-231

***Compulsory Unit*** *(All students **must** register for this unit)*
***EDU4503*** *Teaching Practice 1* — *4 credits*

***Semester 2***
***Compulsory Unit*** *(All students **must** register for this unit)*

***EDU4504*** *Teaching Practice 2* — *8 credits*

## *EDUCATION STUDIES*

***Year***

***Compulsory Units*** *(All students **must** register for these units)*

***EDS4409*** *Themes in the Psychology of Education* — *4 credits*

***EDS4413*** *Student-Teacher Engaging Critically in Education Concepts in Schools (Education Studies School Experience)* — *4 credits*

***Semester I***
***EDS4408*** *Situations and Themes in Education* — *4 credits*

***Semester II***
***Compulsory Unit*** *(All students **must** register for this unit)*

***EDS4407*** *Themes in the Philosophy of Education* — *4 credits*

## *INCLUSIVE EDUCATION*

***Semester II***
***Compulsory Unit*** *(All students **must** register for this unit)*
***INE4501*** *Disability Issues and Inclusive Strategies in Secondary School* — *2 credits*

## *PROGRAMME FOR INTEGRATED LEARNING TECHNOLOGIES*

***Elective Units***

***Students are to choose units to the value of 8 credits (1 from each semester) from the following list:***

***Semester 1***

***MSL4201*** *Teaching and Learning in the Digital Age* — *4 credits*

***MSL4202*** *Building Games and Simulations in the Secondary Classroom* — *4 credits*

***MSL4203*** *Technology-enhanced Learning and Innovation* — *4 credits*

***MSL4204*** *e-Learning in the Digital Information Age* *4 credits*

***MSL4205*** *Designing Technology-Enhanced Learning* *4 credits*

***Semester 2***

***MSL4206*** *Open Education building resources for the open Community* *4 credits*

***MSL4207*** *Applied Learning Technologies* *4 credits*

***MSL4203*** *Technology-enhanced Learning and Innovation* *4 credits*

***MSL4205*** *Design Technology-Enhanced Learning* *4 credits*

***ENGLISH***

***Semester I***

***Compulsory Units*** *(All PGCE English students* ***must*** *register for these units)*

***ALE4310*** *English Language Teaching (Methodology 1)* *6 credits*

***ALE4306*** *English Language Teaching (Methodology 2)* *4 credits*

***ALE4309*** *School Experience: English* *6 credits*

***Semester II***

***Compulsory Units*** *(All PGCE English students* ***must*** *register for these units)*

***ALE4308*** *English Language Teaching (Methodology 4)* *2 credits*

***ALE4301*** *Current Issues in Language Teaching (Methodology 3)* *4 credits*[7]

Illi meta wieħed iqabbel iż-żewġ korsijiet huwa evidenti li l-PGCE/MTL huwa wieħed iktar impenjattiv u jkopri iktar materjal mis-CELT-S. Saħansitra biex wieħed jikkompleta l-PGCE/MTL irid jissottometti teżi. Illi għalkemm f'artikolu 24, il-leġislatur ikkonċeda li persuna li jkollha Baċellerat u Masters, flimkien ma' kors pedagoġiku, tista' tingħata *warrant* permanenti, it-Tribunal iqis li dan irid jittieħed fil-kuntest kollu

[7] A fol 199-201, 205

tar-*ratio* wara l-għoti ta' *warrant* permanenti. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi filwaqt li l-leġislatur ma ntrabatx biss mal-PGCE bħala l-kors pedagoġiku li jrid isir biex wieħed ikun jista' jingħata *warrant* permanenti, madanakollu it-Tribunal jifhem illi kwalunkwe kors pedgoġiku ieħor offrut mid-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi jew xi entita` oħra rikonoxxuta mill-Kunsill, irid iqarreb lejn il-kontenut tal-PGCE.

Illi iktar minn hekk, it-Tribunal jinnota li r-rikorrenti kienet għamlet mistoqsija speċifika lil Marika Vella, Uffiċjal Edukattiv tal-Ingliż, dwar il-valur tas-CELT-S u dan kif turi emejl mibgħuta fis-17 ta' Settembru 2018 u mwieġba fit-18 ta' Settembru 2018,[8] fejn ġie spjegat lilha illi l-kors CELT-S ma jissostitwixxix il-PGCE. Di fatti, ir-rikorrenti staqsiet lis-Sinjura Vella hekk: ***"I also have another query regarding a course for supply teachers. As you well know, at the moment I am doing the Cambridge Course and we still have one semester to go with the work. Does the Cambridge course replace the pedagogy course for supply teachers?"*** Ir-risposta tas-Sinjura Vella kienet ***"No".*** Ir-rikorrent tkompli l-emejl tagħha hekk: ***"If not, I can't possigbly do both at one go and I would consider applying next year."*** Is-Sinjura Vella wieġbet hekk: ***"This is a good idea. You have been working very hard on CELT-S and you're now very close to obtaining a prestigious and internationally recognised Cambridge English certificate."*** Illi għaldaqstant, fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrenti kien ben konxja illi s-CELT-S ma kienx se jissostitwixxi l-kors pedagoġiku offrut mill-Universita` ta' Malta u għaldaqstant ma setgħet inħolqot ebda aspettattiva leġittima fiha li hija kienet se tingħata *warrant* permanenti la darba tikkompleta s-CELT-S.

Illi permezz tat-tieni aggravju, ir-rikorrenti tisħaq illi d-deċiżjoni appellata hija vizzjata u arbitrarja stante li mhix motivata. Hija ħassitha aggravata wkoll mill-fatt li ma ngħatatx smiegħ xieraq.

Illi minn eżami tad-deċiżjoni appellata it-Tribunal huwa sodisfatt li din tilħaq il-kriterji ta' motivazzjoni xierqa tant hu hekk li r-rikorrent kienet fi grad li timpunja l-istess deċiżjoni b'aggravji ċari da parti tagħha. Illi fir-rigward tal-aggravju ta' smiegħ xieraq it-Tribunal iqis li meta l-Kunsill ikun se jiċħad talba għall-għoti ta' *warrant* permanenti għandu jgħarraf b'dan lill-applikant u jagħtih żmien xieraq biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. Illi l-intimati saħqu illi dan it-Tribunal mhux kompetenti li jesprimi ruħu fuq ksur ta' drittijiet fundamentali bħal ma

[8] Dokument PZ1 a fol. 245 u 246

huwa dak tas-smigħ xieraq. Illi pero`, t-Tribunal ma jħossx illi l-lanjanza mressqa 'il quddiem mir-rikorrenti hija ta' indoli kostituzzjonali. Bl-aggravju tagħha dwar smigħ xieraq, ir-rikorrenti mhux qed tinvoka xi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha, imma qed tinvoka ksur ta' wieħed mill-prinċipju tal-ġustizzja naturali li japplikaw ukoll fl-isfera amministrattiva.

Fuq dan il-punt, it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***CCD Limited vs Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju 2013 mill-Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon fejn ingħad hekk:

***Huwa risaput li l-prinċipji tal-ġustizzja naturali huma dawk il-prinċipji minimi li għandhom ikunu osservati waqt proċeduri anke ta` entita' amministrattiva illi għandha l-kompitu li tiddeċiedi dwar fatti li fuqhom imbagħad għandha s-setgħa li tieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna. Il-prinċipji tal-ġustizzja naturali huma audi alteram partem u nemo judex in causa propria. Fil-kawża "Board of Education v. Rice" (1911 – AC 179), Lord Loreburn afferma li l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali 'is a duty lying upon everyone who decides anything'.***

***Il-prinċipju audi alteram partem jirrikjedi li qabel ma tittieħed deċiżjoni amministrativa fil-konfront ta` persuna, din ta` l-aħħar mhux biss għandha tkun mgħarrfa, iżda għandha tingħata l-opportunita` li tgħid tagħha. Fuq kollox jingħata widen tassew għal dak li l-persuna konċernata għandha xi tgħid, u fl-istess waqt tingħata l-opportunita` li tiddefendi l-każ kif inhu xieraq.***

***Fis-sentenza Ingliża "Ridge v. Baldwin" (1964 – AC 40) 'the right to a fair hearing' kien iddikjarat bħala 'a rule of universal application'. F`dik is-sentenza, Lord Reid qal hekk – before attempting to reach any decision they were bound to inform him of the grounds on which they proposed to act and give him a fair opportunity of being heard in his own defence'. U jkompli hekk – Accordingly, in my judgment, a local authority is under a duty, when dealing with entertainment licences, first, to inform the applicant of the substance of any objection or of any representation in the nature of any objection K and secondly, to give him an opportunity to make representations in reply'.***

***Fis-sentenza "Borg vs l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku" deċiża fil-21 ta` Mejju 2009 minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) [u konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Settembru 2012] ingħad hekk dwar il-prinċipji tal-ġustizzja naturali –***

> ***"Bil-kemm għandu jingħad li l-ħtieġa li t-tribunal jew awtoritajiet amministrattivi jħarsu b'mod skrupoluż it-tħaddim ta' dawn il-prinċipji hija waħda li m'għandux ikun hemm disposizzjoni espressa tal-liġi sabiex wieħed japplikaha. It-tħaris ta' dawn il-prinċipji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika għandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-egħmil amministrattiv. Għall-kuntrarju in-nuqqas***

*ta' tħaris ta' dawn il-prinċipji jwassal għall-irritwalita' tal-egħmejjel hekk imwettqa u għat-tħassir tagħhom."*

***Fil-paġ 196 ta' Evans De Smith's Judicial Review of Administrative Action (4th Edition) inghad hekk –***

***"Natural Justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position: (a) to make representations on their own behalf ; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held) ; and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet... In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter".***

***Dan il-bran kien ċitat fis-sentenza "Borg vs l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku" [op. cit.] u fis-sentenza ta' din il-Qorti [PA/RCP] tas-27 ta' Jannar 2011 fil-kawża "Falzon vs Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent et".***

***Fil-ktieb "Administrative Law" (H.W.R. Wade & C.F. Forsyth – 10th Edition – Pg 428) kien osservat illi a proper hearing must always include a "fair opportunity" to those who are parties in the controversy for correcting or contradicting anything prejudicial to their view.***

***Fis-sentenza "A & J Ta' Miema Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" deċiża minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) (PAK/TM) fl-14 ta' Ottubru, 2004 [u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali] kien ipprećiżat li "ovvjament, il-prinċipju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bilfors tinstema', iżda li tingħata l-opportunita' tressaq il-każ tagħha.***

***Fil-każ "L'Alliance des Professeurs Catholiques de Montreal vs Labour Relations Board of Quebec" (1953) riportat f'The Application of the European Convention Human Rights – J.E.S. Fawcett – Pġa 148, ingħad illi – "The principle that no one should be condemned or deprived of his rights without being heard, and above all without having received notice that his rights would be at stake, is of universal equity. Nothing less would be necessary than an express declaration of the legislature to put aside this requirement, which applies to all courts and to all bodies called upon to render a decision that might have the effect of annulling a right possessed by an individual."***

***Fil-Garner's Administrative Law (8th Edition – B Jones and K Thompson - Butterworths – 1996) jingħad hekk –***

***"An issue upon which the courts have failed always to express a consistent view is whether a successful audi alteram partem challenge requires that the court be satisfied that, had the applicant been given the full procedural protection to which he was entitled, the decision taken by the public authority might have been different***

***in substance. Or, alternatively, is there such a thing as a "technical" breach of natural justice, in respect of which the court will grant a remedy in order to uphold procedural rights even though quite satisfied that the decision would have been the same even had the applicant been afforded a fair hearing. The difference between the two possible approaches is a fairly fundamental one, reflecting different ideas as to the aims of judicial review. Is the purpose of judicial review simply to "police" decisions which may be wrong or bad in substance because of procedural irregularities; or is part of its purpose to prescribe standards of decision-making which it will enforce regardless of whether the end result, when the decision is properly taken, is likely to be different in substance.***

***In principle there may be some attraction in the idea that the courts should intervene to protect procedural rights without seeking to pre-judge whether the breach of natural justice was "technical" or "substantial". There are, indeed, statements in some of the cases which lend support to this idea. However, the preponderance of authority seems now to point to the other way. This is perhaps inevitable. In particular, the discretionary nature of the various judicial review remedies, and the natural unwillingness of courts to seem to be acting in vain, combine to deprive of such a remedy the litigant who is perceived to have no chance of eventual substantive success. To an extent the issue becomes purely linguistic. Should one say that a technical breach of natural justice has occurred but that in the exercise of discretion no remedy will be granted ? Or should one say that because no substantial prejudice appears to have occurred there has been no breach of natural justice ?"***

***Kien sostna Lord Bridge fil-kawża "Lloyd vs McMahon" tal-1987 ċitata f`paġna 335 tal-Judicial Review Handbook (1994) –***

***"the so-called rules of natural justice are not engraved on tablets of stone. To use the phrase which better expresses the underlying concept, what the requirements of fairness demand when any body, domestic, administrative or judicial, has to make a decision which will affect the rights of individuals depends on the character of the decision-making body, the kind of decision it has to make and the statutory or other framework in which it operates".***

Illi fiċ-ċirkostanzi huwa fatt li l-Kunsill intimat ma għarrafx lir-rikorrenti bil-ħsieb tiegħu li jirrifjuta l-applikazzjoni tagħha u għaldaqstant ma kellhiex l-opportunita` li tagħmel is-sottomissjonijiet li għamlet quddiem dan it-Tribunal. Illi filwaqt li t-Tribunal iqis li huwa desiderabbli li meta l-Kunsill intimat ikun se jieħu xi deċiżjoni li taffettwa l-għoti ta' *warrant* ta' għalliem, dan għandu jgħarraf lill-persuna konċernata u jistiednu jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu, ma jqisx li hemm lok li jannulla d-deċiżjoni appellata fuq dan il-punt, u dana għaliex ir-riżultat aħħari, bil-fatti kif prodotti quddiem dan it-Tribunal, xorta ma kienx se jinbidel. Illi għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, ikun eżerċizzju inutili li jannulla d-deċiżjoni appellata fuq dan il-punt u dan għaliex mhux se jwassal għal deċiżjoni differenti fil-mertu. Li kieku kellu jsir hekk ikun biss ħela ta' ħin u riżorsi għall-partijiet u għal dan it-Tribunal. Pero`, kif ġie ribadit

iktar ‘il fuq, ikun tajjeb li l-Kunsill intimat, qabel jieħu deċiżjoni aħħarija fejn ikun beħsiebu jirrifjuta l-għoti ta’ warrant, jgħarraf b’dan lill-persuna konċernata u jistedinha tagħti l-fehmiet tagħha.

Illi permezz tat-tielet aggravju, ir-rikorrenti saħqet illi hija kienet ingħatat aspettattiva leġittima illi jekk tagħmel is-CELT-S hija kienet tista’ tingħata l-*warrant* permanenti. Illi dan ma jirriżultax li kien il-każ. Anzi, pjuttost jirriżulta bil-kontra u dan kif diġa ġie stabbilit iktar ‘il fuq fejn ġiet espliċitament mgħarrfa mill-Uffiċjal Edukattiva Marika Vella li s-CELT-S ma jistax iservi bħala sostitut ta’ kors pedagoġiku.

Illi għaldaqstant it-Tribunal iqis li d-deċiżjoni appellata hija waħda valida u skont il-liġi.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li qiegħed jilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u jillibera lill-Ministru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka, u Innovazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju, qiegħed ukoll għar-raġunijiet esposti u fil-parametri msemmija fil-korp ta’ din is-sentenza, jiċħad l-appell tar-rikorrenti, u kwindi jilqa’ l-eċċezzjonijiet tal-intimati.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrenti.

______________________________

**Maġistrat Dr Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva**

________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**